NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Jannar - Frar 1987

No. 34

## Messaġġ ta' l-Arċipriet

## IX-XEWQA TAGĦNA: INSIRU LKOLL STRUMENT TA' PAĊI

Ftit huma dawk il-bnedmin li kapaċi jfissru s-sbuħija tal-versi li ħarġu mill-pinna tal-fqajjar ta' Assisi, San Franġisk. L-innijiet tiegħu huma imprezzabbli. Illum il-ġurnata, ilkoll kemm aħna sirna familjari ma' xi wħud mill-versi tiegħu, fosthom it-talba sabiħa: **Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek.**

Talba mill-isbaħ! Talba li jeħtieġ li nifhmuha u ngħixuha. Għaliex mhux biżżejjed li ntennu lil Alla u ngħidulu: "Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek", iżda jeħtieġ li aħna nikkoperaw miegħu biex insiru verament strumenti ta' paċi.

Jiena ċert li m'hemmx ħaġa oħra fid-dinja li l-bniedem jixtieq iktar mill-paċi. Il-paċi jridha, jixtieqha, u jgħid li lest iħallas kull prezz għaliha. Iżda l-Paċi ma tinxtarax. Il-paċi trid taħdem għaliha biex tiksibha; trid tbati u ssofri biex takkwistaha; trid tagħti sehmek, anke jekk f'affarijiet ċkejknin, biex tasal tippossediha.

Xi kultant nieqaf naħseb ftit u li kieku m'hix ħaġa serja, żgur li kont ninfexx nidħak, meta nara kemm nagħmlu teatrini fil-ħajja tagħna. Nitolbu lill-Mulej jagħmilna strument ta' paċi, imbagħad inpaċpċu u nreddnu fuq xulxin mingħajr l-ebda skruplu, u mingħajr ma taħbat biss ma' moħħna l-ħsara kbira li nkunu qed nagħmlu lilna u lil din il-persuna konċernata.

Mulej, agħmilni strument ta' paċi, ngħidulu lil Alla, u fl-

Ikompli paġna 2

## SAN ĠORĠ F'ĦAJJITNA

TALBA

*O Kbir martri ta' Kristu, San Ġorġ,*
*Gwerrier qalbieni tal-Knisja,*
*Ġellied mill-aqwa kontra l-qawwiet tal-ħażen,*
*Int li ma bżajtx toħroġ fil-beraħ,*
*biex turi li ma taqbilx ma' l-editt tal-imperatur,*
*u b'saħħa ċarrattu minn fejn kien,*
*itfa' il-ħarsa tiegħek,*
*fuqna ilkoll, li tant neħtieġu l-għajnuna tiegħek.*
*Int ħdimt għall-paċi,*
*il-paċi vera,*
*mhux dik nieqsa mill-gwerer,*
*iżda il-paċi li tagħti liberta' sħiħa lill-knisja ta' Kristu.*
*Il-paċi li tħenni l-qalb tal-individwu,*
*il-paċi li ddewwaq il-ħlewwa tas-sema.*
*Il-paċi li ġabilna l-Feddej.*

*O Kbir San Ġorġ,*
*aħna ukoll nixtiequ l-paċi,*
*għinna nsiru bħalek,*
*ġellieda għall-paċi,*
*għinna nitqabdu ħalli nakkwistaw il-paċi.*
*Islifna l-kuraġġ li kellek,*
*biex ma nistħu qatt nistqarru twemminna;*
*agħtina l-qawwa tiegħek,*
*biex qatt ma naqtgħu qalbna fis-slaleb tal-ħajja;*
*Libbisna l-korazza tiegħek,*
*biex nilqgħu kull xorta ta' attakki li jsirulna;*
*Kebbisna b'imħabbtek lejn Alla,*
*biex nagħżlu l-ewwel Lilu, f'kollox u qabel kollox.*

**Attrazzjoni oħra f'dan l-istaġun fit-Teatru Astra**



*Id-Dramm Reliġjuż*

# INT FEJN SEJJER?

Spettaklu Mużikali f'Żewġ Atti dwar il-Ħajja ta'

**FRANCESCO T'ASSISI**

*Kitba: Patri Ġwann Abela O.F.M.*

*Produzzjoni: Astra Dramatic Company*

***Dan id-Dramm ġibed attendenzi kbar minn Malta kollha kull darba li ġie preżentat fl-Istitut Kattoliku.***

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

# EDITORJAL

## TAMIET SBIEĦ

*Kull min ġo qalbu verament jemmen li jagħmel parti mill-Komunità Parrokkjali tagħna ma jistax ma jħossx sodisfazzjon għall-mod kif tmexxew u ġew organizzati l-ħidmiet pastorali fil-parroċċa tagħna matul ix-xahrejn ta' Novembru u Diċembru li għaddew.*

*Kienu xahrejn mimlijin ħidma kontinwa li bdew bil-Gimgħa tal-Parroċċa u għalqu bil-programm ta' żmien il-Milied. Dwar dawn iż-żewġ avvenimenti taqraw f'parti oħra tar-rivista, iżda kien jixraq li wieħed minn dawn il-kolonni jirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom biex dak kollu li sar sata' jkun ta' suċċess pastoralment kif fil-fatt kien.*

*Għalhekk fil-bidu ta' sena ġdida nħossuna mimlijin tamiet sbieħ għall-ġejjieni. Tamiet ta' iktar ħidma fost il-komunità parrokkjali tagħna bil-għan li ningħaqdu iżjed bħala familja waħda, magħqudin bl-imħabba lejn il-Ħallieq u lejn il-patrun tagħna San Ġorġ. Il-ġranet li għaddew jimlewna b'tamiet sbieħ għax kienu bosta li taw sehemhom fl-inizjattivi pastorali ġodda li saru. U dan jixhed li dik il-ħeġġa li xtaq iqanqal fina l-Arċipriet il-ġdid tagħna, f'inqas minn sena mill-ħatra tiegħu, bdiet tħalli l-frott.*

*Dawn it-tamiet sbieħ jimlew lill-Kunsill Parrokkjali bil-kuraġġ biex flimkien ma' l-Arċipriet jippjanaw iktar attivitajiet fost il-komunità tagħna. Dawn it-tamiet jimlew ukoll bil-kuraġġ lill-Kapitlu u lill-prebiterium tagħna li mingħajr interessi taw l-għajnuna tagħhom kollha biex il-ħidmiet pastorali taw il-frott mixtieq. U hawn ta' min iroddilhom ħajr għax-xogħol fejjiedi li jwettqu fil-parroċċa għażiża tagħna.*

*Għalhekk, fil-bidu ta' sena ġdida nimtlew bil-kuraġġ ħalli nkomplu 'dak li bdejna u nsaħħu dak li għandna. Aħna ċerti li l-membri tal-Komunità' Parrokkjali tagħna kollha ser ikomplu jgħinu kemm jistgħu u jagħtu l-kontribut tagħhom biex l-inizjattivi pastorali tagħna jirnexxu ħalli nxerrdu bl-akbar u bl-aqwa mezz il-messaġġ tal-Vanġelu.*

*Nawguraw lill-membri kollha tal-Komunità Parrokkjali tagħna u lill-qarrejja kollha l-isbaħ xewqat ta' paċi u risq għas-sena 1987.*

# L-EMIGRANTI U R-RIVISTA:

Numru sabieħ ta' emigranti mill-parroċċa tagħna, fl-Awstralja, fil-U.S.A. u fil-Kanada jirċievu din ir-rivista regolarment. Ħafna wkoll ġie li kienu ġenerużi magħna u bagħtu offerti għall-ispejjeż. Però aħna ċerti li għad baqa' emigranti li jixtiequ jibdew jirċievu din ir-rivista. Għalhekk nappellaw lill-qraba ta' emigranti li jixtiequ dan, biex jgħaddu l-indirizz tagħhom lill-Uffiċċju Parrokkjali. Huwa importanti li jingħatalna l-indirizz sħiħ u mingħajr żbalji għax billi din ir-rivista tintbagħat bl-ajru, l-ispejjeż huma kbar u mhux sewwa jsiru għalxejn.

*jaqbad minn paġna 1*

istess nifs nibda nberren f'moħħi kif ser inpatti dik l-azzjoni ħażina li rċivejt. Nippretendi li jiena strument ta' paċi u nxewwex kontra għajri. Irrid insir strument ta' paċi u nġelled, u nifred, u ninpika, u noħloq mibegħda u nrewwaħ firdiet. Nimxi bil-prinċipju: Jiena ma nobgħodx iżda ma nsellmilhomx. Boloh li aħna!!

Min verament irid ikun strument ta' paċi, jrid jidra jaħfer, jagħder, jinsa jissaporti, jaċċetta lil dawk ta' madwaru bid-difetti li huma għandhom. Naf: mhix ħaġa faċli tagħmel hekk; u għalhekk lill-Mulej nitolbuh jgħinna nsiru strumenti ta' paċi. Hu jgħinna żgur, iżda lkoll kemm aħna rridu nagħtu s-sehem tagħna, anke jekk jiswielna sagrifiċċju.

Għalhekk, dan hu l-awgurju tiegħi għal din is-sena li għadna kif bdejna: ejjew inkunu strumenti ta' paċi; ejjew naċċettaw l-opinjoni ta' xulxin, ejjew nittolleraw lil xulxin: ejjew inwiegħdu li nagħmlu ħilitna kollha biex jinqerdu l-inġustizzji, l-isfruttar, il-vjolenza. Ejjew inwiegħdu li nużaw l-arma ta' l-imħabba, tal-komprensjoni u tal-ftehim. U żgur ilkoll kemm aħna ninbidlu f'bennejja tal-paċi.

*L-Arċipriet*

# Ulied Ġodda fil-Parrocca

1.11.86:
JOSEPH-SAVIOUR MUSCAT, bin Angelo Muscat u Grace Farrugia.
2.11.86:
ADRIAN THEUMA, bin Peter Theuma u Doris Ellis.
8.11.86:
ROBERT TABONE, bin Frans Tabone u Anna Borg.
9.11.86
NOAH-GEORGE CASSAR, bin Joseph Cassar u Maria Concetta Muscat.
10.11.86
CHRISTOPHER GAFÀ bin Raymond Gafà u Maria Azzopardi.
14.11.86
DAVID-MARIO FENECH, bin George Fenech u Helen Mizzi.
15.11.86
JURGEN CAUCHI, bin George Cauchi u M'Assunta Borg.
16.11.86
ELENA MERCIECA, bint Charles Mercieca u Denise Scicluna.
23.11.86
GEORGE-MARIO ATTARD, bin Joseph Attard u Doris Refalo
30.11.86
JOSEPH TABONE, bin Marcell Tabone u Anna Ellis.
14.12.86
MOURINE RAPA, bint Frans Rapa u Emanuela Azzopardi.
20.12.86
JOSIANNE VELLA, bint John George Vella u Rita Tabone.
25.12.86
JOHN FORMOSA, bin Mario Formosa u Antonia Grech.
28.12.86
ADRIANA MALLIA, bint Robert Mallia u Josephine Galea.

# Ingħaqdu fiż-Żwieġ Nisrani

21.12.86:
EMANUEL BONNICI u TARCISIA ATTARD.

# Daħlu qabilna fl-Eterenita':

2.11.86: ANTONIA ZAMMIT.
15.12.86: NIKOLINA TABONE.
25.12.86: M'ANGELO MERCIECA.

# IT-TAMA TAGĦNA FIL-ĦAJJA

*kitba ta' l-E.T. Mons. Nikol Cauchi*
*Isqof t'Għawdex*

It-tama hija sentiment naturali fil-bniedem, il-għaliex kull bniedem żgħir jew kbir dejjem jiftakar fil-ġejjieni, u jixtieq illi jkun iktar aħjar. Il-bnedmin ta'żminijietna fil-bicca l-kbira tefgħu it-tama tagħhom fil-progress tax-xjenzi. Huwa veru illi x-xjenza u t-teknoloġija għamlet progress kbir. Pero huwa veru wkoll illi din ix-xjenza ħolqot problemi kbar u minacci għall-bniedem, bħalma hija l-gwerra bl-armi nukleari. Hemm oħrajn illi jqiegħedu t-tama tagħhom fl-organizzazjoni tas-socjeta. Anke dina l-organizżazzjoni hija necessarja u tista tagħmel il-ħajja tal-bniedem iktar kommoda, pero xi drabi ttellef il-liberta' u lill-bniedem tagħmlu skjav. Naraw x'tgħallimna r-reliġjon nisranija rigward it-tama, u nibdew billi naraw fuq fuq xi jgħid it-Testment il-Qadim dwar it-tama.

Il-**Kotba tar-Rabta l-Qadima** juruna illi l-Poplu Lhudi kien jgħix bit-tama. Il-Poplu Lhudi kien jemmen fl-allejanza, fil-patt li kien hemm bejnu u bejn Alla. Il-Poplu Lhudi kellu tama qawwija fl-għajnuna u fil-barkiet tal-Mulej. Il-Poplu Lhudi kien jistenna wkoll il-Messija illi kellu jifdih minn taħt il-ħakma tal-barrani.

Jekk imbagħad aħna naqraw il-**Vanġelu** nsibu illi Kristu wettaq dawna t-tamiet, illi ġew murija fit-testment il-qadim. Wettaq il-Profeziji, kif ukoll ix-xewqat tal-Patrijarki. Imma Kristu fl-istess ħin qanqal ukoll tamiet ġodda. Huwa qalilna "Jiena nibqa' magħkom sal-aħħar taż-żminijiet; fittxu fuq kollox is-Saltna t'Alla; għamlu għalikom teżori mhux ta'dina l-art, imma tas-smewwiet". Allura huwa jridna nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq il-ġejjieni, fuq ħajja oħra li tibda wara l-eżistenza tagħna f'din id-dinja. Fuq kollox Kristu priedka l-Beatitudni. Beati dawk li jibku għax huma jkunu mhennija, beati dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja għax huma għad ikunu mxebbgħin. Allura Kristu fetaħ quddiem għajnejna orizżonti ġodda, u wriena illi hemm ħajja oħra fejn ix-xewqat tal-bniedem jistgħu jiġu sodisfatti. Hemm ħajja oħra fejn ir-ruħ tal-bniedem issib il-hena tagħha.

**San Pawl** fl-ittri minn tiegħu, bosta drabi jkellimna dwar din it-tama mibnija fuq Kristu. San Pawl jgħidilna, "Aħna diġa ġejna salvati fi Kristu bil-Passjoni u l-Mewt tiegħu", pero din is-salvazzjoni għadha ma dehritx fil-milja tagħha, nistennew il-ġid li għad irid jiġi". Ikompli jgħallimna illi aħna werrieta tas-Saltna, illi aħna qegħdin naħdmu għal dar oħra, għad-dar tas-smewwiet. Jgħidilna fl-ittra tiegħu lir-Rumani, "Jekk aħna wlied, aħna wkoll werrieta, werrieta t'Alla, werrieta ma' Kristu, għax aħna nbatu miegħu, biex miegħu naqsmu l-glorja, biex miegħu nkunu gglorifikati".

Din hija mela t-tama tan-nisrani, illi wara li ġie mifdi mid-dnub permezz tal-Passjoni u l-Mewt ta'Kristu, wara li jkun ħa sehem ma' Kristu f' dina t-tbatija, huwa jasal ukoll għall-glorja u għall-ferħ ta' dejjem li fih wasal Kristu Rxuxtat.

Kif għandha tkun issa din it-tama tagħna. Għandha tkun imsieħba l-ewwelnett mill-perseveranza illi nibqgħu nistennew sal-aħħar bis-sabar, u nistennew is-siegħa t'Alla li ħafna drabi hija differenti għal kollox mis-siegħa tal-bnedmin. It-tieni din it-tama għandha tkun imsieħba mal-kuraġġ, anzi għandha tqanqal fina kuraġġ ġdid. L-istess Appostlu Missierna jgħidilna "Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' daka li jqawwini". In-nisrani iqiegħed it-tama tiegħu u l-kuraġġ tiegħu mhux fuq il-ħila tiegħu personali, imma fuq l-għajnuna li ġejja minn għand is-Salvatur tagħna Ġesù.

Din it-tama tagħtina wkoll **sens ta moderazzjoni,** jiġifieri nitgħallmu ngħaddu aħjar b'dak li għandu valur primarju minn dak li għandu valur sekundarju. Nitgħallmu, jiġifieri, ngħożżu l-ħwejjeġ ta' dina id-dinja, imma mhux iktar minn dawk il-valuri li qatt ma jispiccaw.



Allura ma għandniex naljenaw ruħna u niskru bil-ħwejjeġ ta' dina id-dinja li jgħaddu bħal żiffa riħ, imma nżommu quddiem għajnejna u napprezzaw fuq kollox dak li huwa etern, dak li jibqa' għal dejjem.

It-tama għandha tkun imsieħba wkoll mill-**viġilanza**; jiġifieri, tittama ma jfissirx tabbanduna ruħek f'idejn Alla u ma tagħmilx dak li huwa possibbli, ma tagħmilx dak li tista'. Fil-waqt li ħaristna għandha tkun mixħuta fuq Kristu, imma jeħtieġ illi nagħmlu dmirna f'din id-dinja bħala cittadini; u ta' dan jagħtina lezzjoni l-Appostlu Missierna San Pawl fl-ittra tiegħu lit-Tessalonkin; peress li n-nies ta'din il-belt kienu fehmuh illi Kristu għandu jiġi dalwaqt, allura ħasbu li biżżejjed għalihom jittamaw il-miġja ta' Kristu u ma jagħmlu xejn. L-Appostlu Missierna ċanfarhom u qalilhom, illi l-bniedem dment li jgħix f'din id-dinja għandu jħabrek u jagħmel il-ħila tiegħu, il-għaliex inkella jekk jagħti ruħu għall-għażż, ikun qiegħed jistieden ħafna nuqqasijiet. Qalilhom San Pawl lit-Tessalonkin, "Għamlu l-ġid bla qatt ma tgħejjew". Allura t-tama nisranija mhix kif jaħsbu xi wħud, illi wieħed jinsa l-impenji u d-dmirijiet li għandu fid-dinja, imma għal kuntrarju, għandha din it-tama ġġigħelna nħabirku iżjed u b'sens ta' responsabilta' nwettqu aħjar dmirna fid-dinja, fuq dina l-art.

# IS-SESSWALITÀ: RELAZZJONI TA' MĦABBA, VALURI PERSONALI U SOĊJALI

Sess: fakultà fil-ġisem tal-bniedem li permezz tagħha jista' jiġġenera bnedmin oħra.
Sesswalità: il-bżonn u l-kapaċità fil-bniedem li joħroġ minnu nnifsu biex jaqsam ħajtu ma' l-oħrajn - esperjenza ta' mħabba.

**Livelli ta' mħabba:**

1) L-imħabba bħala **passjoni** (l-imħabba tal-ġisem). Din hi l-ġibda naturali tas-sessi lejn xulxin, ġibda tal-ġisem li jkollha reazzjoni fil-ġisem tal-bniedem.

2) L-imħabba bħala **sentiment** (l-imħabba tal-qalb). Barra mil-ġisem, il-ġibda bejn raġel u mara tiddependi wkoll mis-simpatija, min-natural jew il-karattru ta' dak li jkun. Tissejjaħ ukoll mħabba romantika.

3) L-imħabba **benevolenza** (l-imħabba tal-moħħ). Din hi l-imħabba li ġejja mill-volontà tal-bniedem li jħoss li għandu bżonn jaqsam ħajtu ma' ħaddieħor, għalhekk jgħid irrid inħobb u jkun lest li jagħmel minn kollox għal min iħobb.

4) L-imħabba bħala **karità** (l-imħabba tar-ruħ). Dik l-imħabba li biha l-bniedem ma jħobbx biss lil min iħobbu. Imħabba li ma tfittix lilha nnifisha, bħall-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin.

**Il-valuri tas-sesswalità:**

1) **Il-valur intrapersonali:** Is-sesswalità tiswa biex lill-bniedem tagħmlu dak li suppost ikun: raġel jew mara bil-kapaċità li jibni ħbiberija.




*Fr. C. Tabone O.P. waqt il-konferenza tiegħu matul il-Ġimgħa tal-Parroċċa.*

2) Il-valur **interpersonali:** Is-sesswalità tiswa biex il-bniedem joħroġ barra minnu nnifsu ħalli jaqsam ħajtu mal-oħrajn, għax b'hekk il-bniedem ikun qed jgħix ta' bniedem.

3) Il-valuri **transpersonali:** Is-sesswalità tiswa biex ir-relazzjoni ta' bejn ir-raġel u l-mara iħalli l-frott f'ulied ġodda, sinjal li l-imħabba ta' bejniethom qed tikber u tinxtered.

4) Il-valur**soċjali:** Is-sesswalità tiswa biex il-bniedem jagħmel ħbieb kemm jista'. Il-bniedem jikber permezz tar-relazzjoni mal-oħrajn. Is-sesswalità tgħin lill-bniedem jagħmel dan, per eżempju biż-żwieġ iżid il-ħbieb; il-familjari ta' min iżżewweġ.

*Fr. C. Tabone O.P. - Rabat.*

# THEJJIJA GĦAŻ-ŻWIEĠ



Darba kull ħmistax fil-parroċċa tagħna qed ikollna laqgħat għall-għarajjes u għal dawk li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ. Dawn il-laqgħat isiru l-ħadd fil-għodu fiċ-Ċentru Parrokkjali u qed jitmexxew mill-Kan. Fr. Joe Mejlak u Dun Gużepp Farrugia. Numru sabieħ ta' koppji qed jattendu għal dawn il-laqgħat li jsiru minn kelliema diversi. Il-laqgħat jibdew fl-għaxra ta' filgħodu u meta ma jkunx hemm ukoll quddiesa dawk preżenti jkollhom ċans jisimgħu l-quddiesa tal-ħdax. Waħda mill-attivitajiet li kellu dan il-grupp saret nhar il-Ħadd 4 ta' Jannar 1987, festa ta' l-Epifanija. F'din l-okkażjoni saret quddiesa fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, ix-Xlendi u wara kien organizzat pranzu fir-Restaurant 'Il-Kenur'. Għal din l-attivita attendew kważi l-koppji kollha li qed jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat ta' tħejjija għaż-żwieġ, flimkien mas-saċerdoti li qed jieħdu sehem dan il-grupp akkumpanjati minn Mons Arċipriet.

***ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA***

Matul il-Ġimgħa: 5.00 p.m. 6.00 p.m. Ħdud u Festi: 4.00 p.m. 5.30 p.m.

# L-Għaxar Kmandamenti għall-Miżżewġin

*Adattati u maqlubin għall-Malti minn George N. Cassar Mill-Bullettin ta' Mejju 1964 maħruġ mill-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja, San Antonio, Texas.*



***Bħalma l-Knisja toqgħod għal-Kristu, hekk ukoll in-nisa għandhom joqogħdu għal żwieġhom f'kollox. (S.Pawl Lill-Efesin 5:24)***

### GĦAXAR KMANDAMENTI GĦAN-NISA MIŻŻEWĠA

1. Lil żewġek għandek tqiegħdu qabel ommok, qabel missierek, qabel uliedek, għax huwa s-sieħeb tiegħek tul-ħajtek.
2. Tagħtihiex għall-ikel, għax-xorb u għat-tipjip, jekk tabilħaqq trid tibqa' tgawdi 'l saħħtek u 'l żewġek.
3. Toqgħodx tgerger u tgemgem fuq ix-xejn; b'ilsienek gemgumi 'l żewġek aktarx li tbiegħdu minnek.
4. Tħalli 'l ħadd, setgħet kienet ommok jew oħtok jew il-ġara, jiġi fuqek u joqgħod jirrakkontalek kemm qiegħda tbati ma' żewġek, u li din mhix ħajja li qed tgħix miegħu. Alla jċanfrek jekk tħalli 'l min ikasbar 'il żewġek u jqassas fuqu.
5. 'Il żewġek iċċaħħdux minn imħabbtek; l-irġiel kollha jixtequha l-imħabba.
6. Tinsa qatt iż-żewġ virtujiet, il-waħda ta' l-indafa u l-oħra ta' l-ilbies xieraq.
7. Aħfer bil-qalb. Min, fostna lkoll, m'għandux bżonn il-maħfra?
8. Ftakar li l-ħars kollu, mimli ammirazzjoni, ta' mitt stranġier ma jiswa xejn ħdejn is-sinċerità ta' żewġek u x-xewqa li għandu li, int u hu tkunu taqblu flimkien.
9. Żomm darek fl-ordni għax fiha trid tifraħ u tistrieħ meta titgħakkes bis-snin.
10. Weġġaħ 'il-Mulej Alla tiegħek il-jiem kollha ta' ħajtek, u wliedek jersqu fuqek u jsejħulek qaddisa.

***Intom, irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, bħalma Kristu wkoll ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha. (S.Pawl lill-Efesin 5:25)***

### GĦAXAR KMANDAMENTI GĦALL-IRĠIEL MIŻŻEWĠA

1. Lil martek għandek tqegħedha qabel ommok, qabel missierek, qabel uliedek, għax hija s-sieħba tiegħek tul-ħajtek.
2. Tikolx u tpejjipx u tixrobx iżżejjed sabiex tibqa' tgawdi saħħtek u l-kumpanija tal-maħbubin tiegħek.
3. Tħallix ix-xogħol wil-passatempi jbegħduk minn uliedek għax l-aqwa rigal li missier jista' jagħti 'l uliedu huwa l-ħin.
4. Lil martek iġġibhiex qisha tallaba imma aqsam magħha l-ġid kollu li għandek.
5. Tinsiex tgħidilha: "Inħobbok". Martek tieħu gost tismagħha dil-kelma, avolja mħabbtek lejha tkun għadha soda daqs qabel.
6. Żomm dejjem ruħek nadif; l-indafa tiġi wara l-qdusija.
7. Aħfer bil-qalb. Fid-dinja ħadd mhu perfett, u kulħadd għandu bżonn il-maħfra.
8. Meta martek timxi id f'id miegħek u tkun taqbel miegħek lilek jaqbillek u jiswielek iktar mit-tbissima ta' mitt mara oħra. Ingħaqqad ma' martek; nisa oħra itlaqhom u insiehom.
9. Ibża' għall-familja tiegħek, għax minnha jrid jitnissel il-ferħ ta' xjuħitek.
10. Ħobb 'Alla il-jiem kollha ta' ħajtek, u wliedek iberkuk u jsejħulek qaddis.

# ĠIMGĦA TAL-PARROĊĊA

Il-Ġimgħa tal-Parroċċa li nżammet bejn nhar it-Tnejn 17 u s-Sibt 22 ta' Novembru 1986 intlaqgħet tajjeb minn kulħadd. Il-laqgħat li saru għal diversi kategoriji kellhom attendenza kbira u kelliema Maltin u Għawdxin li taw sehemhom f'din il-ġimgħa kellhom kliem ta' inkoraġġiment għal mod kif kienet organiżżata. It-tema ta' din il-Ġimgħa tal-Parroċċa kien: "INSARA MATURI FIL-KNISJA TA' LLUM".



*Nisa mill-Parroċċa jismgħu t-taħdita dwar il-Mass Media li saret minn Mrs. Cettina Zahra.*




*Fr. Gorg Deguara jidher ikellem lin-nisa waqt waħda mill-konferenzi li saru fil-għodu.*

## *Rokna għat-Tfal*
## BDEJNA SENA ĠDIDA

Għeżież tfal,

Bil-għajnuna t'Alla bdejna sena ġdida. U la semmejna s-sena l-ġdida, min jaf kemm għamiltu riżoluzzjonijiet, eh! Min qal li issa se jkun ubbidjenti dejjem lejn il-ġenituri tiegħu; min qal li issa se jibda jistudja iżjed; min qal li issa se jagħmel ħiltu kollha biex ikun ħabib ma' kulħadd; insomma min qal ħaġa u min qal oħra. Ħwejjeġ sbieħ dawn u min għamel riżoluzzjonijiet bħal dawn, jagħmel tajjeb mhux ftit biex iżommhom.

Tfal, illum, qabel ma ninsa, irrid nifirħilkom talli weġibtu f'numru tant kbir għas-sejħa li għamilnielkom biex tiġu għan-Novena tal-Milied! Tiftakruha xejn? M'għandix dubju li iva! Kemm ħa gost Gesù jarakom miġburin ilkoll fil-Parroċċa tagħkom, tistennew ferħanin il-miġja tiegħu fostna! Dawk li rebħu xi premju, jiftakruha iżjed din in-Novena. Biss, jiena ninsab ċert li lkoll kemm intom qegħdin tistennew li ma jdumx ma jasal Milied ieħor biex tkunu tistgħu terġgħu tattendu bi ħġarkom għan-Novena tagħkom it-tfal-Hux qed ngħid sewwa?

Imma sakemm jasal dak iż-żmien sabiħ, tajjeb li matul is-sena, kull nhar ta' Ħadd, fid-9.00 ta' fil-għodu, tattendu għall-Quddiesa li ssir apposta għalikom fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali. Ħafna tfal jiġu għal dik il-Quddiesa, biss inħoss li għad hemm ħafna u ħafna tfal oħra li jistgħu jattendu għaliha. Dawn, għal xi raġuni jew oħra, m'humiex jattendu. Forsi għax ikunu jridu jorqdu ftit ieħor billi ma jkollhomx skola? Min jaf? Biss, tajjeb li tkunu tafu, li kull nhar ta' Ħadd, waqt din il-Quddiesa tagħkom ,jitqassmu wkoll diversi premjijiet. Jiġifieri, dawk li jiġu għaliha qed ikollhom iċ-ċans ukoll li jirbħu xi premju sabiħ. Mela, kuraġġ, tfal. Ibdew minn nhar il-Ħadd li ġej.

Taraw kemm tieħdu gost tingħaqdu flimkien intom it-tfal tal-Parroċċa tagħna biex tfaħħru lil-Mulej fil-Jum tiegħu.

Tfal, għal-lum xejn iżjed. Nittama li sa ma nerġgħu niltaqgħu, tkunu lkoll, ferħanin bir-riżultat ta' l-eżami ta' nofs is-sena.

Il-Bambin iberikkom.

Tata'.

*Iz-Ziju Peppi*



**It-tliet Maġi jippreżentaw ir-rigali tagħhom. Xena tal-Milied xogħol tal-pittur żgħażugħ Joseph Cutajar. Din ix-xena twaħħlet mal-faċċata tal-Bażilika fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied.**

## *Is-Sejħa ta' Saċerdot*

Is-sejħa ta' saċerdot bħal kull sejħa oħra, mihiex faċli, anzi pjuttost aktar diffiċli. Iżda bit-talb u l-għajnuna ta' Alla wieħed jista' jimxi fit-triq it-tajba.

Din il-vokazzjoni hija waħda speċjali għaliex wieħed se jsir ministru ta' Alla u jingħata kollu kemm hu għal Alla u għall-qadi ta' ħutu. Illum min isir saċerdot hija xi ħaġa kbira f'dinja fejn il-passjonijiet tal-bniedem u l-immoralità jirrenjaw kullimkien; f'dinja fejn ħlief għewer u ġlied ma tismax u l-paċi hi xi ħaġa rari. Għalhekk min jaċċetta din is-sejħa, għandu jaħsibha sew, qabel, ma jagħżel din it-triq; għalkemm ħadd mhu deċiż fuq il-futur tiegħu.

Kif wieħed jista' jagħraf din is-sejħa? Din hi domanda li diffiċli ssib risposta għaliha. L-ewwelnett meta wieħed iħoss din is-sejħa, għandu jieħu parir mingħand il-ġenituri tiegħu kif ukoll mingħand il-konfessur jew id-direttur spiritwali tiegħu. Dan, bil-pariri li jtih jurih minn fejn għandu jagħddi. Fuq kollox wieħed irid jitlob bil-ħrara kollha biex Alla jdawwalu moħħu biex jagħżel l-aħjar triq. Hemm bżonn wkoll li wieħed jagħmel ħafna riflessjoni fil-kwiet, kemm jista' jkun quddiem Gesù Ostja.

*Din hija l-introduzzjoni ta'essay rebbieħ f'kompetizzjoni li saret għall-membri tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet u li ntrebħet minn GORG AZZOPARDI. Membru ieħor tal-grupp, MARK SAGONA rebaħ premju għall-aħjar 'Chart', li ppreżenta dwar is-saċerdoti. Jieħu ħsieb il-grupp tal-Vokazzjonijiet għandna lil Dun Effie Masini.*

## IL-PALK FI ŻMIEN IL-MILIED



***Xena mill-Kummiedja "Flus bir-Radam"***

L-Astra Dramatic Company tat bidu allegru għal żmien il-Milied bil-kummiedja brillanti "Flus bir-Radam" ta' Evans u Valentine. Il-Kummiedja ġiet ippreżentata għall-pubbliku fit-Teatru Astra nhar is-Sibt, 20 ta' Diċembru 1986. Rappreżentazzjoni oħra ta' "Flus bir-Radam" saret nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru 1986 għall-istudenti subien u bniet tal-iskejjel sekondarji t'Għawdex. Il-Kummiedja, produzzjoni oħra ta' George Xerri, offriet divertiment mill-akbar fil-ftuh ta' dawn il-ġranet ferrieħa tal-Milied.

## *Mons Isqof N.Cauchi fil-Bażilika tagħna fl-aħħar jum tas-sena 1986*

Għeżież ħuti u maħbubin uliedi,

Għad li aħna niftakru li aħna bnedmin moderni tas-seklu għoxrin, iżda żgur li għandna ħafna affarijiet x'nitgħallmu mill-għar ta' Betlem. It-Tarbija Divina, li twieldet għalina għandha ħafna lezzjonijiet x'tagħti lill-bnedmin speċjalment lill-bniedem tal-lum, bniedem li hu minfuħ bih innifsu, bniedem li jaħseb li ma għandux x'jambi lil Alla, bniedem li jpoġġi t-tama tiegħu mhux fil-għajnuna tal-Mulej, iżda fil-kobor tal-ġid tiegħu, jew inkella fil-kisbiet tax-xjenza u tat-teknoloġija. Il-bniedem modern li tant sar komplikat u sofistikat, illi kważi kważi tilef dik il-kapaċità li jikkomunika ma' ħaddieħor. Anke l-kelma tiegħu, il-bniedem modern saret kelma tant tqila, tant komplikata, illi ħafna drabi huwa diffiċli illu tkun taf meta messaġġ huwa veru u meta messaġġ huwa mibni, meta huwa sofistikat, meta hemm iktar maskra milli hemm verità.

Huma ħafna l-lezzjonijiet li nistgħu nitgħallmu mill-għar ta' Betlem, imma fuq kollox hija l-lezzjoni **tas-sempliċità.**

Difatti, fil-għar ta' Betlem ma hemm xejn żejjed, m'hemm l-ebda lussu, m'hemm l-ebda vanità; dak li hu strettament neċessarju. It-Tarbija mgeżwra fi ftit ħrieqi u minduda fuq it-tiben tal-maxtura. Mhux biss isaltan faqar liema bħalu fil-għar ta' Betlem, imma ukoll is-sempliċità. Mhux biss il-post kif kien għal din il-miġja tas-Salvatur tad-dinja, imma anke in-nies li għażel biex ikunu madwaru meta deher fid-dinja Kristu l-Iben t'Alla. Kienu nies l-iktar sempliċi, Marija u Ġużeppi, mir-raħal fqajjar ta' Nazareth u fuq kollox ir-rgħajja, illi mhux biss kienu nies li huma foqra u li ma għandhom xejn, li jirgħu n-ngħaġ ta' ħaddieħor, imma kienu ukoll sempliċi, **sinċiera.** M'Hemmx jiġifieri, falsità u dupliċità f'dak li jgħidu u f'dak li jagħmlu.

Wieħed mill-valuri nsara huwa propju l-valur tas-sempliċità; meta aħna nikkuntentaw bil-ftit, meta aħna nkunu sinċiera ma' l-oħrajn, meta anke kliemna, kif qalilna Kristu ikun iva, iva, u le, le. U għalhekk propju f'dan l-ispirtu tas-sempliċità, illi nitgħallmu mill-grotta ta' Betlem, aħna llum lil Alla nagħmlulu talba żgħira, talba addattata ħafna għalina, l-għaliex qegħdin fi tmiem ta' sena li ser tispiċċa u fil-bidu ta' sena oħra li tibda minn hawn u ftit ieħor, Hija talba ħafifa, talba li jista' jagħmilha kulħadd, talba li tgħodd għall-kundizzjoni ta' kull bniedem.

U liema hija din it-talba li ser nagħmlulu? Liema hi din it-talba sempliċi?

L-ewwelnett: **"GRAZZI, SINJUR ALLA"** l-għaliex tajnta l-għomor ta' sena oħra u matul din is-sena li għaddiet Int tajtna tant għajnuniet, tant barkiet, tant grazzi li mhux kollha intbaħna bihom. U għalhekk aħna nroddulek ħajr, mhux biss tat-tajjeb li ntbaħna bih u li għarafnih, u li ttendejna li ġej minnek, imma nroddulek ħajr ukoll ta' ħafna grazzi illi inti tajthomlna u aħna l-anqas biss irrikonoxxejna, lanqas biss għarafna lilek bħala l-benefattur tagħna. Grazzi ta' kollox Mulej, aħna ngħidulek f'dan il-lejl, illi jaqsam, illi jifred is-sena li ser tgħaddi mis-sena li ser tibda'.

Barra minn hekk, aħna Mulej inżidulek talba oħra: **"AĦFRILNA SINJUR ALLA".** Għaliex matul is-sena li għaddiet aħna nqasniek ħafna drabi, bi ħsebijietna, b'xewqatna, bi kliemna, bl-għemil tagħna u fuq kollox, forsi mhux dejjem wettaqna dmirna kif imiss. Mhux dejjem konna mħeġġin biex nagħmlu t-tajjeb li konna obbligati nagħmlu. Aħna nitolbuk maħfra, O Mulej, tan-nuqqasijiet kollha li għamilna matul ħajjitna, imma b'mod partikulari matul din is-sena li għaddiet.

Għalhekk waqt li nuru r-rikonoxenza tagħna lejn Alla, nistqarru ukoll il-ħtija tagħna u nitolbu maħfra lil-Mulej, il-għaliex il-qalb tagħna, hija dejjem mimlija bit-tama u bl-isperanza nisranija. In-nisrani jqiegħed il-fiduċja tiegħu, mhux f'ħiltu, mhux fil-kapaċità tiegħu, mhux f'dak li hu kapaċi jwettaq hu, iżda n-nisrani jpoġġi it-tama tiegħu f'Alla. Fik Mulej aħna nqegħdu t-tama tagħna u aħna ċerti li din it-tama żgur li ma tisfax imqarrqa.

---

**LAQGĦA GĦALL-KOPPJI MIŻŻEWĠA**

*Il-Ġimgħa 23 ta' Jannar 1987*

fis-6.00 p.m.

Fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali

---

**DONAZZJONIJIET MILL-EMIGRANTI**

Mr & Mrs Marco Attard (Canada) 40 U.S. dollars
N.N. Australia Lm2; Joseph Formosa $25 U.S.

---

## *Ġimgħa taż-Żgħażagħ*

## FERĦANIN B'ŻGĦOŻITNA MA' KRISTU

*Minn nhar it-Tnejn 16 ta' Frar sa nhar is-Sibt 21 ta' Frar 1987*

- ***Taħditiet minn kelliema magħrufa Maltin u Għawdxin***
- ***Play Forum dwar problemi attwali***
- ***Attività ta' promozzjoni umana***
- ***Laqgħa ma' Mons Isqof Nikol Cauchi***
- ***Laqgħa Soċjali u Rikreattiva***

**PROGRAMM DETTALJAT JINTBAGĦAT LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ KOLLHA IKTAR 'IL QUDDIEM**

# IL-MILIED FIL-BAŻILIKA TAGĦNA

Il-Festi tal-Milied li għaddew li saru fil-Bażilika tagħna nistgħu ngħidu li servew biex l-ispirtu ferrieħi ta' dawn il-jiem jiżdied u joktor fil-qlub tal-parruċċani kollha.

Fil-knisja saru 'flower arrangements' apposta kif ukoll reġa' iddendel xi ftit mid-damask li kien jintrama qabel ma l-knisja ġiet miksija bl-irħam. Barra dan, mal-faċċata tal-knisja tkompliet ix-xena tal-Milied billi saru t-tliet Slaten Maġi, xogħol tal-pittur żgħażugħ Joseph Cutajar.

Iżda jekk dawn l-affarijiet għenu u kienu ta' ġid biex jikber fostna l-ispirtu ta' dawn il-festi sbieħ, l-attivitajiet fil-Bażilika ma naqsux li jżidu ma' l-atmosfera ferrieħa. Din' is-sena għall-ewwel darba nżammet fil-Bażilika tagħna n-Novena għat-tfal. Mijiet ta' tfal ħonqu l-Bażilika tagħna kull fil-għaxija u ħadu sehem attiv fil-quddiesa tan-novena. Tfal mill-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa tagħna mexxew lit-tfal waqt ir-ringrazzjament wara t-tqarbin. Matul in-novena qaddsu għat-tfal Dun Manwel Cutajar, Dun Ġorġ Frendo u l-Kan. Dun Joe Mejlak. Matul il-ġranet tan-Novena ttellgħu diversi rigali lit-tfal u dawk li attendew ingħataw biljett għal film b'xejn fit-Teatru ASTRA, kellhom ħarġa biex jaraw il-presepji fl-irħula, kif ukoll attendew għall-party kbir għalihom fejn kull min attenda ngħata rigal. Hawn ta' min irodd ħajr lil dawk kollha li għenu b'donazzjonijiet u ħelu għal dan il-party.

Fin-Novena tal-kbar, li din is-sena saret minn Dun Ġwann Bosco Cremona, ħadu sehem il-korijiet tal-parroċċa u wara l-kant ta' l-"Alma" saru ħsibijiet dwar persunaġġi marbuta mal-Milied li ġew milqugħa tajjeb minn dawk kollha preżenti.

Bħas-soltu Mons Arċipriet mexxa l-Konċelebrazzjoni Solenni fil-lejl tal-Milied u qabel il-quddiesa it-tfajjel Stefan Ġorġ Said għamel il-priedka tradizzjonali. Nhar il-Milied Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni flimkien mal-Kapitlu u kleru tal-parroċċa. Monsinjur Isqof mexxa wkoll Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-aħħar



*Stefan Gorg Said jagħmel il-priedka fil-lejl tal-Milied fil-Bażilika.*



*Il-mijiet ta' rigali li tqassmu lit-tfal bix-xorti waqt il-party.*



*Waħda mit-tlett xarabanks mimlijin tfal waqt il-ħarġa għall-Presepji*

jum tas-sena, il-31 ta' Diċembru 1986, u wara ntona "Te Deum" bħala radd ta' ħajr lil Alla. Il-messaġġ ta' Mons Isqof f'din l-okkażżjoni qed jidher f'parti oħra tar-rivista.

Ħaġa ġdida li saret għall-ewwel darba din is-sena, kienet quddiesa speċjali għall-miżżewġin nhar il-Ħadd 28 ta' Diċembru, festa tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret. F'din il-quddiesa li saret minn Mons Arċipriet il-miżżewġin preżenti ġeddew il-wegħda tagħhom taż-żwieġ.

Matul dawn il-ġranet inżammet attività speċjali għall-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa tagħna li kienet tikkonsisti f'ħarġa ta' ġurnata li matulha l-membri tal-grupp żaru lix-xjuħ u qassmulhom boroż bil-ħelu. Kellhom ukoll ħin għat-talb u rikrejazzjoni.

Fl-okkażżjoni tal-festi tal-Milied Mons Arċipriet stieden lill-Kapitlu, kleru, seminaristi, abbatini u l-membri tal-kumitati kollha tal-parroċċa kif ukoll lid-distributuri tal-Bulettin għal-riċiviment li sar fis-sala taċ-Ċentru parrokkjali. Attenda wkoll għal din ir-riċiviment Mons Isqof Nikol Cauchi.



*Mijiet ta' tfal miġbura fis-Sala Parrokkjali għall-party*

Matul dawn il-ġranet tal-Milied sar ukoll it-tberik tal-presepji fid-djar minn saċerdoti tal-parroċċa. Din l-inizjattiva saret biex nerġgħu nrawmu f'kull familja d-drawwa antika tal-presepju u b'hekk nappoġġaw il-ħidma ta' l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju li twaqqfet f'Għawdex ftit iktar minn sena ilu.

Bħas-snin l-imgħoddija matul il-ġranet ta' qabel il-Milied, tqassam fil-familji tal-Komunità Parrokkjali tagħna l-kalendarju għas-sena 1987. Barra minn hekk fl-ewwel jum tas-sena kull min attenda l-quddies fil-Bażilika tagħna ngħata kalendarju żgħir tas-sena l-ġdida bil-ħinijiet tal-quddies fil-parroċċa.

Minn dawn il-kolonni rridu nroddu ħajr lil dawk kollha li taw sehemhom biex il-festi tal-Milied jirnexxu u jkomplu jxerrdu l-ferħ u l-paċi fost il-komunità parrokkjali tagħna.

A&M PRINTING LTD.-553217